# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA, 17 TA' OTTUBRU, 2001

*Avviz. Nru. 1611/00 AJD*

Pauline Cilia

vs

Gordon Calleja

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici is-somma ta' mija u sebgha u tmenin liri Maltin u disghin centezmu (Lm187.90) valur ta' seba' kambjali (Dok. A-G) ta' tmintax il-lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm18.79) il-wahda, li skadew kull xahar bejn l-14 ta' Awissu, 1999, u l-14 ta' Mejju, 2000, u li gew girati f'isem l-attrici minn Blye Engineering Co. Ltd. (ta' Naxxar Road, San Gwann).

Ra li l-konvenut debitament notifikat, ghalkemm deher fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2001, u nforma lit-Tribunal li kien qed jikkontesta t-talbiet attrici u kien ser jipprezenta risposta, naqas milli jaghmel dan.

Ra n-nota tal-attrici fejn din irriduciet it-talba minn mija u sebgha u tmenin liri Maltin u disghin centezmu (Lm187.90) ghal mija u sebgha u erbghin liri Maltin u disghin centezmu (Lm147.90), stante xi pagamenti fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Louis Vella, in rappresentanza tal-attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut lill-attrici.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u sebgha u erbghin liri Maltin u disghin centezmu (Lm147.90)

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR